MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2627/2002

***General Plastics Ltd.***

***vs***

***Supplies & Installations Ltd.***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hmistax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm815.20) rappresentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta skond fatturi annessi ma' -avviz bid-data tat-13, 22 u 28 ta' Jannar 1998, u 13 ta' Frar 1998 (Dokument A, B, C u D) bl-imghaxijiet tat-8% fis-sena, dekoribbli fuq kull somma tal-fattura, minn 30 gurnata wara d-data ta' -istess fattura.
Ra li d-digriet ta' l-10 ta' Jannar 2003, fejn s-socjeta' konvenuta giet awtorizzata tipprezenta r-risposta taghha fi

zmien gimgha, liema risposta madanakollu baqghet ma gietx ipprezentata.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Anna Mifsud Bonnici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' d-Dokument A, B, C u D.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hmistax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm815.20), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------